# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 23 ta' Mejju, 2022

**KAWZA NRU : 8**

**Rik. Nru. 566/2009ISB**

**Charles Farrugia (ID 483452M) bhala Direttur uniku tal-kumpannija 'IFIX TRADE LIMITED' (C 38861)**

**vs**

**IFIX TRADE LIMITED (C 38861)**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tal-proceduri kif migjuba quddiem din il-Qorti bir-rikors tal-10 ta' Gunju 2009, u rat il-provvediment li bih is-socjeta` **IFIX TRADE LIMITED (C 38861)** tqeghdet taht id-direzzjoni ta' Dr Richard Galea Debono bhala amministratur provvizorju permezz ta' provvediment tal-5 ta' Awissu 2009.

Rat illi bi provvediment iehor tat-2 ta' Marzu 2010, gie ordnat l-istralc tal-istess socjeta` IFIX TRADE LIMITED (C 38861) u nhatar, l-istess Dr Richard Galea Debono, issa bhala stralcarju.

Rat ir-Rikors Finali tal-istralcarju tal-15 ta' Dicembru 2021 u d-dokumenti mieghu annessi.

Rat l-atti kollha tal-procediment.

Rat il-verbal tal-ahhar udjenza tas-7 ta' Marzu 2022 minn fejn jirrizulta illi l-istralcarju Dr Richard Galea Debono talab illi l-Qorti tghaddi ghall-provvediment finali taghha in segwitu ghar-rikors tieghu tal-15 ta' Dicembru 2021.

**Ikkunsidrat**:

Illi bir-rikors tieghu tal-15 ta' Dicembru 2021, l-istralcarju spjega dettljatament ix-xoghol li hu kien wettaq fil-kors tal-istralc, mhux lanqas, il-laqgha mizmuma mal-kredituri, ir-rapporti prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji, l-prezentata tad-denunzji tat-Taxxa u hlasijiet fiskali maghmula.

Fl-istess nota, l-istralcarju jispjega illi il-fondi rimanenti mhumiex sufficjenti sabiex jithallsu l-kredituri kollha, u jista' biss jithallas parzalment kreditur wiehed li igawdi mill-oghla privilegg, ossia, il-Kummissarju tat-Taxxi.

Mehmuz mar-rikors tal-istralcarju hemm ukoll l-audited liquidation accounts (fol 271) tat-30 ta' Novembru 2021.

Jirrizulta ukoll illi l-kreditur privileggjat hawn fuq msemmi ssurruga lil DFK Consultancy Services Limited fid-drittijiet tieghu (fol 275) wara illi din ta' l-ahhar kienet ghamlet hlas lid-Dipartiment tat-Taxxi (VAT) fir-rigward tal-kumpannija stralcjata.

L-istralcarju jiddikjara illi biex tigi xjolta il-kumpannija de quo jonqos billi illi s-socjeta' DFK Constultancy Services Limited tithallas il-fond li baqa' wara illi sar l-ezercizzju shih u komplut tal-istralc, inkluz il-hlasijiet in konessjoni mal-istess stralc, liema fondi rimanenti jammontaw ghas-somma ta' tlieta u tmenin elf, tmien mija u Euro (€83,801).

Talab ghalhekk l-awtorizazzjoni illi jghaddi l-imsemmija somma lil DFK Consultancy Services Limited ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija ai termini tal-Artikolu 238(1)(c) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex kontestwalment, il-Qorti tirrilaxxja lill-istralcarju mill-hatra tieghu, tordna il-komuniki skond il-ligi u tordna t-tnehhija ta' isem is-socjeta' stralcjata minn fuq ir-Registru.

Il-Qorti qed:

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta`Malta;

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi;

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali;

Tqis li l-affarijiet tas-socjeta' huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi sabiex:

1. **Tapprova u tawtorizza** lill-istralcarju sabiex illi l-flejjes rimanenti f'idejh, fis-somma dikjarata ta' tlieta u tmenin elf, tmien mija u Euro (€83,801) jithallsu lil DFK Consultancy Services Limited ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.

2. **Tehles** lill-istralcjarju Dr Richard Galea Debono mill-hatra tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' IFIX TRADE LIMITED (C38861) hekk kif appena jsir il-hlas hawn fuq approvat u awtorizzat.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu skond il-paragrafu precedenti.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija **IFIX TRADE LIMITED (C38861)** jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufieh jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija **IFIX TRADE LIMITED (C38861)**.

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |